MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 94/1992/1

**Emmanuel u Maria konjugi Mizzi**

**vs**

**Raymond Formosa u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 1993**
**Peter Sciberras gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni l-atturi talbu l-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens dovut lilhom ghall-appogg ezercitat mill-konvenut ma' hajt mibni minnhom fi proprjeta' fix-Xlendi, Ghawdex, u kif ukoll ghall-hlas tad-danni konsegwenza ghal hsarat fl-istess hajt divizjorju kkagunati mill-konvenut fil-kors tal-kostruzzjoni tal-proprjeta` tieghu.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa li ghar-rigward tal-kumpens dovut dan kien gie depozitat taht l-Awtorita` tal-Qorti u daqstant ma kien dovut ebda hlas ulterjuri. Dwar id-danni huwa sostna li t-talba ta' l-atturi kienet infondata fil-jedd u fil-fatt u dan ghaliex ma kienet saret ebda hsara u anki ghaliex jekk kienet saret xi hsara din kienet wahda minima u Peter Sciberras li kien gie nkarigat minnu jaghmel l-istess xoghol kien gia` offra li jsewwiha.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KJAMAT FIL-KAWZA**

3. Fil-kors ta' din il-kawza, il-konvenut talab is-sejha fil-kawza ta' Peter Sciberras li kien il-kuntrattur inkarigat minnu u din it-talba giet milqugha. L-istess kjamat fil-kawza eccepixxa li dwar it-talba ghall-hlas ta' l-appogg huwa ma kellu ebda relazzjoni ma' l-atturi u dwar id-danni l-ammont pretiz kien wiehed esagerat. Eccepixxa wkoll li t-talba fil-konfront tieghu ghal hlas ta' danni kienet preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex tad-19 ta' Novembru 1998, gew michuda t-tienu u t-tielet talba attrici (cioe` rigwardanti d-danni allegatament kagunati) u filwaqt li ntlaqghet l-ewwel talba, ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija (Lm520) bhala kumpens dovut ghall-appogg. Dwar l-ispejjez, il-Qorti ordnat li

dawn kellhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi mill-atturi u terz mill-konvenut. Kwantu ghall-kjamat fil-kawza l-ewwel Qorti ddikjarat li kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' Peter Sciberras ghar-responsabilita` tieghu ghad-danni kagunati kienet preskritta.

## L-APPELL TA' L-ATTURI

5. L-atturi hassew rwiehhom aggravati minn din is-sentenza in kwantu gew michuda t-tieni u t-tielet talba u gew akkollati lilhom parti mill-ispejjez tal-kawza, u interponew minnha appell.

L-appellanti qeghdin jappellaw in kwantu giet michuda t-talba taghhom ghad-danni sofferti minnhom u ankie billi gew akkollati lilhom zewg terzi mill-ispejjez tal-kawza.
L-appellanti jghidu hekk fir-rikors ta' appell taghhom:
**Kumpens ghad-danni**

Skond l-appellanti, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx gustifikata tehles lill-konvenut minn kull responsabilita` ghad-danni peress li **tali responsabilita` qatt ma giet kkontestata** ghajr fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut. Difatti sew mill-eccezzjonijiet u kif ukoll fil-kors tal-gbir tal-provi, il-konvenut qatt ma sostna li huwa kien inkariga kuntrattur tas-sengha ghax-xoghol imsemmi u ghalhekk ma kien hemm ebda responsabilita` ghad-danni. Dan gie mqanqal biss fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut u gie mwiegeb mill-atturi fin-nota taghhom fejn anki pprezentaw kopja tal-verbal fil-mandat fuq imsemmi fejn il-konvenut assuma l-oneru tal-hlas tad-danni. Ma hux regolari li konvenut jipprova jissoprendi lill-parti l-ohra billi minghajr ma jaghmel eccezzjonijiet *ad hoc* fin-nota ta' osservazzjoniet johloq oppozizzjoni gdida ghat-talba li tkun tqanqlet qabel.

Fit-tieni lok jigi osservat li l-atturi agixxew kontra l-konvenut proprju ghaliex **il-konvenut innifsu dejjem accetta li jaghmel tajjeb ghad-danni** izda ma qabilx ma' l-ammont pretiz. Kien ghalhekk li l-atturi ipprocedew kontra l-konvenut wahdu. Dan kien gustifikat ghar-ragunijiet li gejjin:

a. Fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Novembru tal-elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) fl-atti tal-mandat spedit mill-atturi kontrih **Mandat ta’ Inibizjoni numru 322/91** fl-ismijiet ‘Emanuel Mizzi et vs. Raymond Formosa’, il-konvenut espressament assuma r-responsabilita` ghall-hsarat mill-atturi konsegwenza tax-xoghol maghmul fil-proprjeta` tieghu. L-esponenti qieghed jammetti bhala Dokument “X” kopja ta’ l-atti ta’ dan il-mandat.

b. Mid-**depozizzjoni tal-konvenut** innifsu tas-sitta (6) ta’ Awissu tal-elf disa’ mija u tlieta u disghin (1993), jirrizulta li d-divergenza bejn il-partijiet kien dwar il-kwantum tal-hsara u qatt ma kienet jekk din kellhiex tithallas mill-konvenut jew mill-kjamat fil-kawza. Difatti, il-konvenut jammetti li huwa mar anki ghal-laqgha ma’ l-attur u l-Perit tieghu bil-ghan li jintlahaq ftehim dwar il-hsara u li kien hu li kellem lill-kjamat fil-kawza dwarha.

c. Kif jirrizulta mid-**depozizzjoni tal-Perit Joseph P. Dimech** seta’ kien hemm anki dubbju dwar min effettivament ikkaguna l-hsara fil-proprjeta` ta’ l-atturi. Il-Perit xehed li din il-hsara x’aktarx kienet konsegwenza ta’ daqqa mal-hajt waqt ix-xoghol ta’ skavazzjoni, izda l-unika certezza kienet li l-hsara giet min-naha tal-konvenut.

Fit-tielet lok qieghed jigi sottomess li l-ewwel Qorti kienet ghal kollox skorretta meta llimitat l-ezami taghha ghall-provvediment ta’ **l-artikolu 1037** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ewwel Qorti rat dik id-dispozizzjoni bhala l-unika kaz li fih il-gar seta’ jkun ritenut responsabbli ghall-hsara kkagunata lil sid il-proprjeta` adjacenti. Izda, ghall-kuntrarju, din id-dispozizzjoni flok ma teskludi r-responsabilitajiet taht il-provvediment generali tghabbi lill-persuna li tkun ser tinkariga kuntrattur b’responsabilitajiet ulterjuri biex tassikura ruhha li ma tinkarigax lil xi hadd ta’ bla hila fis-sengha. Fil-kaz in ezami, irrizulta li l-konvenut inkariga lil Sciberras jaghmel xoghol ta’ skavazzjoni konsistenti fi qtugh ta’ blat razenti l-hajt divizorju minghajr ma nzammet xi distanza mill-hajt. Kien probabbli li dan kien ser jikkaguna xi hsara lill-atturi; ghalhekk il-konvenut ma jistax jahsel idejh u konvenjentement jixhet ir-

responsabilita` fuq il-kuntrattur. Il-konvenut inkariga lill-kuntrattur jaghmel xi haga projbita bil-Ligi civili ghaliex ma nzammitx id-distanza stabbilita bil-Ligi, u jippretendi li dan ghandu jkun fattur irrilevanti ghall- finijiet ta’ din il-kawza. Jekk wiehed jezamina l-atti ta’ din il-kawza johrog wahdu kemm il-vertenza qatt ma kienet min huwa responsabbli ghall-hsara izda ghal kemm tammonta din il-hsara. Ta’ min jghid ukoll li l-atturi ma kellhom ebda access ghal dak li ftehmu l-konvenut u l-kjamat fil-kawza li ghalihom huwa *res inter alios acta.* Kieku wiehed kellu jammetti l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti, jkollu jametti wkoll l-assurdita` li proprju ghaliex l-atturi ppermettew li ssir l-iskavazzjoni mal-hajt divizorju, spiccaw minghajr rimedju ghad-danni sofferti minnhom.

Apparti dan kollu ghandu jigi rilevat li l-Ewwel Qorti assumiet li Peter Sciberras kien bniedem tas-sengha meta fir-realta` ma kien hemm ebda provi sabiex jissostanzjaw dan.

**Kap ta’ l-ispejjez**

L-esponenti qeghdin ukoll jappellaw mid-decizjoni dwar kif ghandhom jigu sopportati l-ispejjez ta’ din il-kawza. Ma kien hemm ebda gustifikazzjoni kwalsiasi ghaliex l-appellanti kellhom jigu akkollati b’zewg terzi mill-ispejjez tal-kawza. Jekk kien hemm xi haga li pprecipat [recte: pprecipitat] din il-kawza kienet l-intransigenza tal-konvenut li minflok ma pprova jasal fi ftehim ma’ l-atturi dwar l-appogg, qabad u iddepozita taht l-Awtorita` tal-Qorti l-ammont kif unilaterment likwidat minnu. Kif irrizulta mill-provi, dan id-depozitu ma jista’ jkollu ebda validita` ghaliex ma giex precedut permezz ta’ offerta kif titlob il-Ligi. Fuq kollox dan id-depozitu kien hamsin lira Maltija inqas minn dak li gie likwidat: tali somma minn ammont ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) fl-elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) ma tistax titqies bhala irrizorja. Li kieku l-konvenut minflok ma ghaggel jiddepozita dak l-ammont taht l-awtorita` tal-Qorti ha hsieb jaghmel sforz sabiex jasal fi ftehim ma’ l-atturi biex jigi likwidat bonarjament il-kumpens kien certament ikun ghamel pass ferm iktar meritevoli.

Lanqas jaghmel sens li l-atturi jigu ordnati jhallsu anki xi parti mill-ispejjez tal-kjamat fil-kawza meta kien proprju l-konvenut li talab li dan jigi msejjah fil-kawza. Jekk dan issejjah intuilment ma ghandhomx iwiegbu ghalhekk l-atturi izda ghandu jwiegeb minn talab dik is-sejha.

Ghaldaqstant l-appellanti qeghdin jinterponu dan l-appell mis-sentenza fuq imsemmija limitatament in kwantu gew michuda t-tieni u t-tielet talba taghhom u in kwantu huma gew akkollati zewg terzi mill-ispejjez tal-kawza b'talba li din l-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) li huwa l-ammontanti tad-danni likwidat mill-Perit Tekniku, u tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenut.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KJAMAT IN KAWZA PETER SCIBERRAS GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TA' L-ATTURI</u>**

6. L-appellat kjamat fil-kawza wiegeb hekk:-
Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita illi tigi konfermata u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Fl-ewwel lok, jigi rilevat illi *strictu sensu*, l-appell ta' l-atturi ma huwiex indirizzat fil-konfront tal-esponenti, u kwindi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument, l-appell odjern ghandu jigi milqugh, jibqa' l-fatt illi l-esponenti ma jistax jigi kundannat ghal xi parti mit-talbiet attrici.

Fit-tieni lok, l-atturi ma appellawx kontra l-kap tas-sentenza illi laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-esponenti. Kwindi dan il-kap illum ghadda in gudikat, u ghaldaqstant, indipendentement mill-fondatezza o meno tal-aggravji sollevati mill-atturi, l-liberazzjoni tal-esponenti mill-osservanza tal-gudizzju ma tistax tigi b'xi mod illum affetwata.

Illi fit-tielet lok, l-anqas l-atturi innifishom ma gabu ’il quddiem xi raguni ’l ghala ghandha tigi varjata s-sentenza appellata in kwantu dan laqghet l-eccezzjonijiet sollevati mill-esponenti.

Fil-meritu, imbaghad, u minghajr pregudizzju ghar-ragunijiet sollevati aktar ’il fuq f’din ir-risposta, l-aggravji ta’ l-atturi ma humiex fondati u dwar dan l-esponenti ikun lest illi jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu f’kaz illi ghall-grazzja ta’ l-argument, l-eccezzjonijieet preliminari tieghu ma jigux akkolti.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti illi l-appell odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-atturi appellanti.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TAL-KONVENUT RAYMOND FORMOSA</u>**

7. L-appellat konvenut wiegeb hekk:-

Illi s-sentenza li minnha qieghed isir dan l-appell, hija wahda gusta u timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-atturi hassew rwiehhom aggravati mis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, in kwantu gew michuda t-tieni u t-tielet talba taghhom ghad-danni allegatament sofferti minnhom u kif ukoll peress illi gew allokati lilhom zewg terzi mill-ispejjez tal-kawza.

Kif gie dettaljatament spjegat fis-sentenza appellata l-esponenti beda t-tahmil u qtugh ta’ blat fuq il-plot tieghu fix-Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex, liema xoghol tah b’appalt lil Peter Sciberras, kuntrattur ta’ esperjenza vasta.  Dana Peter Sciberras sussegwentament gie kjamat fil-kawza.

Wara l-qtugh ta’ blat giet rappurtata hsara fil-hajt ta’ l-attur illi l-perit tieghu J.P. Dimech ikkwantifika fil-valur ta’ mitejn lira Maltin (Lm200).  Dwar l-istess hsara xehed il-Perit Dimech.

Il-perit tekniku l-A.I.C. Godfrey Vella Baldacchino f’paragrafu 22 tar-relazzjoni tieghu, wasal ghal konkluzjoni illi l-hsarat li tfaccaw bhala konsegwenza tax-xoghol li sar minn Peter Sciberras u l-uzu ta’ l-ingenji tieghu u partikolarment minhabba l-vibration li jikkawzaw l-ingenji u t-teknologija li ntuzat biex tqatta’ l-blat fis-sit ta’ l-esponenti.

Ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabet l-ebda responsabilita` ta’ l-esponenti ghad-danni reklamati mill-attur [recte: atturi], stante li waslet ghall-konkluzjoni illi kien ippruvat ampjament li dawn ma gewx ikkagunati minnu izda mill-kjamat fil-kawza Peter Sciberras.

Fl-aggravju tieghu, l-attur isostni illi l-Ewwel Qorti ma kenitx gustifikata tehles lill-esponenti minn kull responsabilita` ghad-danni, peress illi tali responsabilita` qatt ma giet ikkontestata ghajr fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut. Dan m’huwiex minnu, stante illi sa min-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut stess jirrizulta l-kontestazzjoni tar-responsabilita` fejn l-esponenti kien eccepixxa fost l-ohrajn “Illi kull ma ghamel il-konvenut huwa li qabbad lil certu Peter Sciberras sabiex ihawwel [recte: ihammel] il-hamrija u jqatta’ il-blat tal-plot tieghu u xejn izjed minn dana … u jekk saret xi hsara l-istess Peter Sciberras stess offra li jirranga l-istess hsara, liema talba tieghu giet rifjutata kappricjozament mill-istess attur Emanuel Mizzi”. Kien proprju ukoll f’dan l-ewwel stadju tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet illi l-esponenti indika l-htiega illi jigi kjamat fil-kawza Peter Sciberras. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak espost mill-attur fl-appell tieghu, l-esponenti Raymond Formosa ikkontesta r-responsabilita` sa mill-bidu nett.

L-attur issottometta illi huwa agixxa kontra l-konvenut wahdu peress illi dan dejjem accetta li jaghmel tajjeb ghad-danni. Kif diga` gie spjegat aktar ’il fuq, l-esponenti ikkontesta l-kwistjoni tar-responsabilita` sa mill-bidu nett u allura sa mill-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet jirrizulta illi huwa ma kienx qed jaccetta li jaghmel tajjeb ghad-danni.

Oltre dan irid jinghad ukoll illi l-kjamat fil-kawza Peter Sciberras qabel giet istitwita l-kawza, kien diga` offra li jsewwi l-hsarat li seta' kien hemm, liema offerta giet rifjutata mill-attur minghajr l-ebda raguni valida.

Fit-tielet lok, l-attur issottometta illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta llimitat l-ezami taghha ghall-provvedimenti ta' l-Artikolu 1037 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi kienet ir-responsabilita` ta' l-esponenti li jassikura ruhu li l-persuna li jinkariga ma jkunx xi hadd ta' bla hila fis-sengha. Dwar dan jigi sottomess illi ma kien hemm bzonn li tingieb l-ebda prova dwar jekk Peter Sciberras huwiex bniedem tas-sengha jew le peress illi l-partijiet jafu sewwa illi Sciberras huwa wiehed mill-kuntratturi f'Ghawdex illi huwa armat sew u jigi nkarigat kontinwament ghal xoghol riskjuz.

Dwar il-Kap ta' l-ispejjez, l-esponenti jissottometti illi huwa ddepozita l-ammont kif likwidat mill-Perit tieghu fir-Registru tal-Qorti u dan ferm qabel giet istitwita l-kawza mill-attur u dan wara diversi tentattivi sabiex jipprova jasal fi ftehim ma' l-istess attur. Oltre dan, jigi sottomess ukoll illi l-kjamat fil-kawza ghamel diversi offerti sabiex tigi rrangata l-hsara lamentata mill-attur, izda dan sforz il-pika, dejjem irrifjutata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, huwa sottomess bil-qima li din l-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

8. L-appell ta' l-atturi hu bbazat fuq aggravji kemm dwar it-talba fil-meritu kif ukoll dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Il-vertenza hija wahda dupplici ghaliex hija relatata ma' nuqqas ta' qbil dwar il-quantum dovut mill-konvenut ta' l-appogg minnu pprattikat meta' dan ta' l-ahhar ikkomuna l-hajt divizorju li jifred il-proprjeta` tieghu minn dik ta' l-appellanti atturi, liema proprjetajiet jinsabu fi Triq Gdida li tizbokka fi Triq il-Qsajjem, fix-Xlendi, Ghawdex, kif ukoll

ghal hlas ta’ danni li l-atturi jghidu li gew ikkagjonati fil-proprjeta` taghhom mill-kontroparti konvenuta.

9. In succint, minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta li gej:-
(i) li l-kumpens xieraq ghall-appogg ippratikat mill-konvenut appellat kellu jkun ta’ Lm520.00c

(ii) li l-konvenut appellat iddepozita l-ammont ta’ Lm471.00 taht l-awtorita` tal-Qorti per saldu u biex jezimi ruhu minn kull responsabilita`;

(iii) li gew ikkaggjonati danni b’konsegwenza diretta ta’ skavar li sar fis-sit tal-konvenut a detriment ta’ l-atturi, liema danni gew ikkwantifikati fl-ammont ta’ mitejn lira Maltija (Lm200), liema ammont baqa’ ma thallas minn hadd;

(v) li x-xoghol ta’ skavar sar mill-kjamat fil-kawza Peter Sciberras.

10. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti, filwaqt li abbraccjat <u>in toto</u> l-fatti kif fuq esposti, ma sabet l-ebda htija dwar it-talba ghad-danni in kwantu l-azzjoni giet diretta kontra l-konvenut u ghalhekk hija kkundannat lil dan ihallas biss tal-appogg. Fl-istess waqt ukoll iddecidiet li t-talba ghad-danni in kwantu diretta kontra l-kjamat fil-kawza kienet preskritta bid-dekors ta’ sentejn. L-ispejjez kellhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-atturi u terza parti mill-konvenut appellat.

11. L-aggravju ta’ l-atturi dwar l-appogg hu limitat ghat-temperament li sar ukoll mill-ewwel Qorti fil-kap ta’ l-ispejjez, liema aggravju ser jigi mistharreg fl-isfond kollu tad-‘decide’ aktar ’il quddiem. Jinghad pero` li l-ammont gie effettivament iddepozitat mill-konvenut kien inferjuri ghal dak realment dovut. Veru li d-differenza ma kenitx wahda kbira – disgha u erbghin lira (Lm49) – imma l-fatt jibqa’ li din is-somma ma kenitx tkopri l-ammont kollu dovut u <u>di piu`</u>, u dan hu fattur importanti, lanqas ma jirrizulta li d-depozitu in kwistjoni kien ipprecedut minn offerta da parti tad-debitur lill-kreditur tieghu.

12. Jidher evidenti pero` li d-divergenza li beghdet lill-kontendenti milli jhallu jipprevalixxi u jirbah il-buon sens fuq l-intransigenza u l-pika, kienet dik rigwardanti d-danni li gew ikkaggjonati lill-atturi kif fuq spjegat.

Diga` inghad li gie stabbilit li d-danni tassew saru, li dawn kienu saru bix-xoghol ta' skavar maghmul mill-kjamat fil-kawza, li gew likwidati fl-ammont ta' Lm200, u li baqghu ma thallsux lill-atturi, u li l-Ewwel Qorti ezonerat lill-konvenut appellat minn kull responsabilita` u fl-istess waqt iddecidiet li t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza kienet preskritta.

Illi minn ezami tar-rikors ta' appell ta' l-atturi ma jirrizultax li dawn kienu qeghdin jillanjaw minn dik il-parti tas-sentenza li tirreferi ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni li giet akkolta fil-konfront ta' Peter Sciberras, kjamat fil-kawza. Ghalhekk isegwi li din il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat fil-konfront ta' l-appellat kjamat fil-kawza. Dak li invece qed jillanjaw minnu l-appellanti hu l-fatt li mill-provi li gew prodotti, l-ewwel Qorti kien messha sabet responsabbli tad-danni kagjonati lilhom lill-konvenut appellat (Raymond Formosa).

Dwar dan l-aggravju l-atturi jadducu zewg ragunijiet, igifieri
(1) li r-responsabilita` tal-konvenut dwar id-danni qatt ma kienet giet ikkontestata minnu per via tan-nota ta' l-eccezzjonijiet li l-istess konvenut ipprezenta, u

(2) il-konvenut innifsu dejjem accetta li jaghmel tajjeb ghad-danni u li kien ghal din ir-raguni li huma agixxew kontrih.

13. Dwar l-ewwel ilment, din il-Qorti jidhrilha li minn ezami, anke superficjali, ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut – dan ghalissa indipendentement mill-fatt jekk kellux raguni jew le – jemergi car u tond li l-konvenut tabilhaqq kien qieghed jikkontesta wkoll din il-parti tat-talbiet (ara nota ta' eccezzjonijiet, a fol 12 tal-process). L-eccezzjoni fit-tieni paragrafu tghid espressament li din it-

talba "hija wkoll infondata fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-konvenut ma arreka l-ebda hsara fil-hajt divizorju". Il-Qorti ma tasalx biex tifhem x'ippretendew l-atturi aktar minn daqstant. Huwa minnu li fil-paragrafu sussegwenti l-konvenut jiftah speci ta' possibilita` ghall-atturi biex jekk iridu dawn jidderiegu l-azzjoni kontra Peter Sciberras imma fl-istess waqt, in kwantu d-danni kienu qeghdin jintalbu fil-konfront tieghu, il-konvenut kien car li kien qieghed jichad tali premessa. Ghalhekk dan il-ilment huwa manifestament infondat.

14. It-tieni parti ta' ilment pero` - dak igifieri li l-konvenut innifsu dejjem accetta li jaghmel tajjeb ghad-danni – jimmerita konsiderazzjoni ghaliex jekk wiehed jezamina sew il-provi kollha li tressqu quddiem l-ewwel Qorti komprizi jigifieri l-atti tal-Qorti konnessi mal-mandat ta' inibizzjoni mitlub antecedentement mill-atturi fil-konfront tal-konvenut, isib li dan l-ilment huwa gustfikat. Mhux bilfors isegwi li ghaliex gie stabbilit li x-xoghol li ta lok ghad-danni sar fizikament minn Peter Sciberras, il-kjamat fil-kawza, allura l-konvenut, bhala l-persuna li inkarigatu, m'ghandu responsabilita` ta' xejn. Anzi r-regola tal-ligi hi – ara l-Artikoli 414 (a), 416 u l-Art. 418 (1) tal-Kap. 16 – li l-parti li tgholli l-hajt komuni twiegeb ghall-hsara lejn il-gâr. Dan minbarra l-principju generali li johrog mill-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. Naturalment, imbaghad, hemm ukoll l-Artikolu 1037 tal-Kap 16, x'jigi kkunsidrat bl-inferenza li titnissel minn dana l-artikolu li jekk jigi sodisfacement ippruvat li tkun giet inkarigata persuna ta' hila, allura dan il-fatt jista' tassew iwassal ghal ezoneru ta' dik il-persuna – salv pero` cirkostanzi ohra li jistghu jirrizultaw kif inhu proprju l-kaz in ezami.

Huwa minnu li l-konvenut xehed u ssottometta li huwa kien inkariga kuntrattur imma dan il-fatt lanqas ma hu bizzejjed biex awtomatikament jezonerah minn kull responsabilita` fil-kaz ta' danni. Meta jirrizulta, per ezempju, li l-konvenut lanqas biss kien jaf li l-kuntrattur li qabbad kien beda u lesta x-xoghol de quo bla ebda preavviz lilu, dan il-fatt wahdu diga` jindika x'tip ta'

kuntrattur kien.  Il-konvenut (ara fol 60 tal-process) xehed inter alia hekk quddiem il-perit tekniku
"Sadattant il-kuntrattur kien beda jqatta l-blat u lili l-kuntrattur ma avzanix li beda u lanqas li x-xoghol kien tlesta.  Meta ltqajt ma' Sciberras ghidtlu meta ser ikompli kien qalli li dik kienet lesta."

Rinfaccjat bl-ilment ta' l-atturi dwar danni – li kif rajna kienu ilmenti fondati – il-konvenut ikkonsulta ruhu mal-kuntrattur Sciberras (il-kjamat fil-kawza) izda dan cahad li kkaguna xi danni lill-atturi.  Minbarra dan pero` jirrizulta wkoll li fil-kors tal-procedura fejn l-atturi intentaw li jottjenu mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut, wara li kien allura nbeda x-xoghol de quo u sar l-iskavar, intlahaq ftehim quddiem il-Qorti li wassal ghac-cessjoni tar-rikors (mandat ta' inibizzjoni numru 322/91 fl-ismijiet Emanuel Mizzi et vs Raymond Formosa) li fih, fost obbligi ohrajn minnu assunti tnizzel li l-intimat (igifieri l-appellat konvenut odjern) jobbliga ruhu li jirrepara u/jew ihallas il-hsarat li saru fil-fond tar-rikorrenti s'issa".  Ftehim bhal dan li hu maghruf fid-dottrina bhala "kwazi kuntratt gudizzjali", ma sarx ghalxejn u l-ewwel Qorti ma setghetx tiskartah biex tasal ghad-decizjoni taghha.  Jekk tassew il-persuna ultimament responsabbli kien Peter Sciberras, kien allura jispetta lill-konvenut li jara kif hu (u mhux l-atturi) jikkawtela ruhu skond il-ligi.  Meta l-konvenut obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghad-danni talvolta kagjonati lill-atturi, ma setax aktar jippretendi li fil-konfront ta' l-atturi ghandu direttament jirrispondi t-terz.  Illi ghalhekk dana l-ilment huwa fondat u jsegwi ghalhekk li d-danni kagjonati lill-atturi ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.  Ma ingiebet l-ebda prova li l-ammont ta' Lm200 dwar dawn id-danni kien wiehed esagerat.

15.  L-ahhar aggravju huwa dwar il-kap ta' l-ispejjez.  Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont tal-fatt li, bil-maqlub ta' dak li deciz mill-ewwel Qorti, id-danni mitluba mill-atturi huma dovuti mill-konvenut appellat u tenut ukoll kont tal-fatt li l-konvenut naqas milli jiddepozita l-ammont shih li kien dovut lill-atturi bhala kumpens fuq l-appogg li l-konvenut ippratika u lanqas biss offrieh qabel ma effettwa d-depozitu, jidhrilha li dan l-aggravju huwa fondat ukoll.  Illi

ghalhekk mis-suespost isegwi li l-atturi m'ghandhom ibatu xejn mill-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ l-appell ta’ l-atturi appellanti, tirriforma s-sentenza appellata minn kif moghtija mill-ewwel Qorti fis-sens li minbarra li tikkonferma l-akkoljiment ta’ l-ewwel talba, tirrevoka dik il-parti fejn gew respinti t-tieni u t-tielet talba u, minflok tilqa’ l-istess zewg talbiet kif dedotti b’dan li kwantu ghar-raba’ talba tikkundanna lill-konvenut Raymond Formosa li jhallas lill-atturi l-ammont ta’ Lm520 ghall-appogg u Lm200 per saldu tad-danni u tirriforma wkoll il-kap ta’ l-ispejjez in kwantu qeghda tikkundanna lill-konvenut Raymond Formosa jhallas l-ispejjez kollha kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------